Minuti tal-laqgħa numru ħamsa u sittin (65) tal-Kunsill Lokali tar-Rabat li nżammet nhar l-Erbgħa, 21 ta' Ġunju, 2023 fis-6:00pm fil-Bini Muniċipali tar-Rabat, 34, Triq Inguanez, ir-Rabat.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Is-Sur Alexander Craus | Sindku |
| | *Is-Sur Matthew Chetcuti* | *Viċi Sindku* |
| | *Is-Sur Chris Farrugia* | *Kunsillier* |
| | *Is-Sa Janice Busuttil* | *Kunsillier* |
| | *Is-Sur Nazju Cassar* | *Kunsillier* |
| | *Is-Sur Rudolph Grima* | *Kunsillier* |
| | *Is-Sur Norbert Grech* | *Kunsillier* |
| | *Is-Sur Kris Grech* | *Kunsillier* |
| | *Is-Sur Anthony Bonello* | *Segretarju Eżekuttiv (SE)* |
| *SKUŻATA:* | *Is-Sa Doris Coleiro* | *Kunsillier* |

Il-laqgħa bdiet fis-6:20pm peress li kien għad m'hemmx quorum. Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus ippresjeda l-laqgħa u l-membri qalu talba qasira flimkien. Il-laqgħa kienet appuntata għall-14 ta' Ġunju u kienet posposta għal-llum fuq talba tas-Sindku, is-Sur Sandro Craus.

| | | |
|---|---|---|
| 65.11 | Is-Sindku, s-Sur Sandro Craus talab lis-Sur Rudolph Grima sabiex jagħti rendikont dwar l-attività Rabat Sacrum. Kien iddedikat ħin konsiderevoli sabiex il-kunsillieri kienu jafu iżjed x'qed isir dwar din l-attività mis-Sur Rudolph Grima. Dwar dan kollu, kien hemm approvazzjoni unanima fuq il-kunċett. | Rabat Sacrum |
| 65.01 | **Talba u Qari tal-ittri ta' apoloġija**<br><br>Is-Segretarju Eżekuttiv talab f'isem is-Sa Doris Coleiro, kunsillier sabiex tkun skużata. Din it-talba kienet unanimament milqugħa u approvata. | Talba u aploloġiji |
| 65.02 | **Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduti numru tlieta u sittin (63), u erbgha u sittin (64).**<br><br>Il-Minuti tas-seduti numri 63 u dik l-istraordinarja 64, kienu approvati unanimament wara li tressqu għall-vot mis-Sindku, is-Sur Sandro Craus u kienu ssekondati mil-Viċi Sinkdu, is-Sur Matthew Chetcuti u l-kunsillier, is-Sur Rudolph Grima. | Minuti |
| 65.02.01 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus tkellem dwar il-laqgħa li kellu l-Kunsill Lokali tar-Rabat, mal-amministrazzjoni tas-Santu Sepurklu (minuti 63) dwar ir-restawr tal-Kappella ta' Duna. Hu qal illi dawn qed jistmaw li għandhom bżonn madwar Eur12,000 biex jirrestawraw l-injam tal-għamara tal- | Restawr tal-Kappella ta' Duna |

| | | |
|---|---|---|
| | kappella u qed jitolbu li l-KLR ikun imsieħeb biex isir tapping tad-Development Fund għad-dawl u l-madum u imbagħad wara jaraw minn fejn se jkunu jistgħu jirrestawraw l-affreski. | |
| 65.02.02 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus semma' l-inċident li seħħ fi Triq San Pawl mit-trakk li jiġbor l-iskart. Hu qal li dan qattar il-meraq meta għasar quddiem ir-ristorant ta' Doni. Żied jgħid illi dan mhux l-ewwel inċident u seħħ ieħor f'Għar Barka. Qal ukoll illi għada għandna laqgħa mar-Reġjun Punent u ser ngħidulhom b'dan kollu għax mhux se naċċettaw li l-kuntrattur ma jbiddilx il-vetturi tiegħu u jġibhom nodfa u bit-trays minn taħt sabiex jilqgħu l-ispillage. | Spillage ta' skart mir-RCV |
| 65.02.03 | Il-KLR iddeċieda illi mhux se jagħmel aktar insistenza dwar l-oġġezzjoni li għamel ftit tal-ġimgħat ilu fuq it-tiġdid ta' permess PA 3147/23. Din kienet ibbażata fuq il-fatt illi sa Ottubru 2023 jista' jseħħ dak li ħadd mhu qed jixtieq – illi jibda jibni r-razzett. Dan għaliex il-permess hu validu sa Ottubru u fi x'ħin irid dan jista' jibda jibni. | PA3147/23 |
| 65.03 | **Approvazzjoni taċ-ċedoli tal-pagamenti numru 348 u tal-*Works/Purchase Orders* numru 67**<br>Kienu kkunsidrati, approvati u ffirmati l-iskeda tal-pagamenti 348 u dik tax-xiri u servizzi 67 | SOP 348 u PO/WO 67 |
| 65.04 | Mistoqsijiet tal-Kunsillieri<br>Ma kienx hemm. | |
| 63.11 | **Inċident minn persuna li waqgħet f'Għeriexem - ara ittra ta' Dr Valentino (mill-aħħar laqgħa)**<br>Dwar dan il-każ is-SE diġa' kellem lill-Avukat tal-Kunsill, Dr R Sladden u dan ta risposta ġenerali peress li x-xogħol kien sar minn Infrastructure Malta. Il-KLR iżid jgħid illi bidel dawn il-covers kollha li waħħlu IM minn dawk li kienu tal-plastik għal dawk tal-landa biex ma jerġgħux iweġġgħu in-nies meta jgħaddu minn fuqhom. | Inċident f'Għeriexem |
| 65.05 | **Approvazzjoni tal-permessi tal-posti tal-kabbani tal-Festa ta' San Pawl**<br>Il-lista pprovduta mis-SE mal-agenda kienet approvata unanimament. Dwar il-proposta tas-Sindku illi persuna waħda biss tista' tkun f'kabbana fl-istess ħin u għaldaqstant nistgħu ma noħorġux il-permessi l-oħra peress li hemm min għandu aktar minn permess wieħed, il-Viċi Sindku qal illi rridu niċċekkjaw jekk nistgħux nirtiraw dawk l-oħrajn li kienu intirtu mis-snin l-imgħoddija. Dan minkejja li hemm persuna li jbiegħ il-qubbajd li għandu numru ta' permessi. | Posti tal-kabbani – San Pawl |
| 65.06 | **Mawra fi Sqallija bi preparament għal Ġemellaġġ ma' Palazzolo Accreide – Rapport**<br>Ir-rapport kien ipprovdut mis-Segretarju Eżekuttiv u ma kien hemm l-ebda' kumment dwar din il-mawra. | Palazzolo |
| 65.07 | **Talba fil-bdil tal-posta 9 tal-Monti minn fuq Raymond Muscat li ġie nieqes għal fuq is-sostitut Christopher Muscat (it-tifel tiegħu)**<br>Is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri ma kellhom l-ebda' oġġezzjoni biex din il-posta tintiret mil-missier li ġie nieqes għat-tifel tiegħu. | Sostituzzjoni fuq il-Monti |
| 65.08 | **Approvazzjoni tar-Rotta tal-Van li jaħdem bl-elettriku – proposta annessa**<br>Ir-rotta tal-vann kienet approvata kif inhi biż-żieda ta' waqfa oħra f'taċ-Ċagħki. Din kienet proposta tas-Sur Nazju Cassar. Intant, xi kunsillieri ssuġġerew sabiex ir-rotta tkun ippubblikata wkoll fuq in-notice boards tal-ħadid li hawn fir-Rabat li kienu jintużaw fil-passat u inqata' l-użu tagħhom maż-żmien. | Rotta tal-Vann |
| 65.09 | **Talba għall-kumpens dwar inċident ta' vettura fi Triq Ħal Bajjada**<br>Il-KLR ra l-każ fid-dettall fejn kien innotat illi minkejja li kien hemm rapport tal-pulizija fl-istess ġurnata tal-allegat inċident, jirriżulta illi sid il-vettura daħal fuq il-bankina aċċidentalment mhux għax din kienet imkissra iżda għax kien hemm nuqqas ta' attenzjoni. | Talba għall-kumpens |

| | | |
|---|---|---|
| | Jirringrazzja 'l Alla li ma sabx lil xi ħadd fuq il-bankina u fuq kollox l-inċident seħħ minħabba nuqqas min-naħa tiegħu. | |
| 65.10 | **Jum ir-Rabat 2023**<br>Dwar Jum ir-Rabat, se nikkomunikaw mas-Surmast tas-St Paul's Metropolitan Orchestra biex naraw jekk il-Pjazza ta' Quddiem Santu Wistin hix adegwata jew inkella immorru quddiem il-Bażilika ta' San Pawl.<br><br>Dwar ir-rikonoxximenti f'Ġieħ ir-Rabat il-kunsillieri semmew lis-Sur Clive Farrugia li ħa medalja tad-deheb fil-logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li saru Malta ftit tal-jiem ilu, lil Mikaela Galea u lit-tifla ta' Antoine. Dawn flimkien ma' Fr Martin Coleiro li issa spiċċa servizz ta' Gwardjan wara 21 sena fostna se jingħataw rikonoxximent. Dan tal-aħħar waqt l-aħħar quddiesa li se ssir nhar il-Ħadd, 25 ta' Ġunju 2023. | Jum/Ġieħ ir-Rabat |
| 65.12 | **Biex ikun reġistrat il-van Citroen Dispatch Passenger Van Chasis Number VF7VZZKXZPZ024203 fuq is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Anthony Bonello**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat se joħroġ il-vann il-ġdid fuq is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Anthony Bonello. | |
| 65.13 | **Punti Oħra** | |
| 65.13.01 | Is-Sindku, is-Sur Sandro Craus qal illi fejn kien hemm il-bus-stop viċin il-Maypole fi Vjal il-Ħaddiem u dan kien spustjat aktar 'il fuq trid tiġi marka safra mal-art għax qiegħdin jipparkjaw fih. | Bus Stop fi Vjal il-Ħaddiem |
| 65.13.02 | Is-Sur Christopher Farrugia talab lis-Segretarju Eżekuttiv jara jekk is-Sur Peter Mecieca li għandu xi ħitan tas-sejjiegħ imwaqqa', jistgħux isirulu manutenzjoni tagħhom. Hu ta n-numru tal-kuntatt *79398823* lis-SE. | Ħitan tas-sejjiegħ |
| 65.13.03 | Is-Sur Nazju Cassar talab li l-bankina ta' Triq Kola Xara fejn ħadmu Infrastruttura Malta, kważi fil-kantuniera ma' Triq Papa Piju V, tiġi rranġana għaliex l-ilma tax-xita qed jidħol għand sid il-garage. | Manutenzjoni ta' bankina |
| 65.14 | **Biex jiġġedded għal sena oħra l-agreement tad-Data Protection Officer tal-Kunsill Lokali tar-Rabat ma' Advocates Primei (11.8.22-10.8.23)**<br>Il-Kunsill kien unanimu dwar is-servizz li taw tant tajjeb Advocates Primei u ddeċieda illi jġedded il-kuntratt tad-Data Protection Officer għal sena oħra. | DPO Agreement |
| 65.15 | **Tpoġġija ta' 4 skips fil-Middle School**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat se jkun qed jiffinanzja l-4 skips kif propost biex l-iskola tkun ħielsa mil-periklu ta' saħħa. | 4 skips fil-Middle School |
| 65.16 | **PA 2933/23 - 6, St Francis Alley 1, ir-Rabat - oġġezzjoni proposta.**<br>Il-Kunsill Lokali tar-Rabat se joġġezzjoni formalment għal dan il-permess bażikament minħabba s-sular addizzjonali li se jkun qed jinbena f'każ li jkun approvat u l-pool li se ssir fuq il-bejt. L-aħħar ġurnata li fiha se jintlaqgħu l-oġġezzjonijiet hija it-23 ta' Ġunju u għalhekk id-draft li ippreżenta s-SE fil-laqgħa stess fuq l-iscreen se jkun il-bażi tal-oġġezzjonijiet tagħna. | Oġġezzjoni għal PA 2933/23 |
| 65.17 | **Approvazzjoni ta' roundabout Vjal il-Ħaddiem k/m Triq Bir ir-Riebu (Diżinn ta' TM)**<br>Kienet approvata ir-roundabout fi Vjal il-Ħaddiem k/m Triq Bir ir-Riebu fejn din tiġi f'salib it-toroq ma Triq il-Ġarġir u Triq Bużugrilla. Hawn, tant sar diffiċli biex taqsam illi l-vetturi jkunu jridu jistennew għal tul ta' ħin biex joħorġu għar-riskju tagħhom. Id-diżinn ta' IM li kien ukoll approvat minn TM se jiġi attwat. | Roundabout fi Vjal il-Ħaddiem |
| 65.18 | **Tmiem il-laqgħa u d-data u l-ħin tas-seduta li jmiss.**<br>Il-laqgħa kienet aġġornata fit-20.35 u l-Kunsill Lokal tar-Rabat se jiġi mlaqqa' nhar id-19 ta' Lulju 2023 fis-6.00pm. | Aġġornament |

***(IFFIRMATA)*** ***(IFFIRMATA)***

*Meħuda minn Anthony Bonello u approvati llum 19.7.23 minn Alexander k/a Sandro Craus*

*Segretarju Eżekuttiv* *Sindku*